

Domandi preliminari

L-Artikolu 61(1) u (4) tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE ⁽¹⁾, moqri flimkien mal-punt 2.9 tal-Anness X ta' dan ir-regolament, li skontu, għall-finijiet tas-sistema ta' dijanjostika abbord (OBD) tal-vetturi kif ukoll tad-dijanjustika, tat-tiswija u tal-manutenzjoni tal-vetturi, il-manifattur ta' vetturi għandu jagħmel il-fluss dirett ta' data tal-vettura disponibbli permezz ta' port serjali tad-data fuq il-konnettur standardizzat għall-konnessjoni tad-data, fid-dawl ukoll tar-rekwiżiti imposti fuq il-manifatturi ta' vetturi sabiex tiġi ggarantita s-sigurtà ġenerali tal-vetturi, skont l-element 63 tal-Parti I tal-Anness II tal-imsemmi regolament,

- moqri flimkien mar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom ⁽²⁾, f'dak li jirrigwarda l-vetturi tat-tip approvat qabel is-6 ta' Lulju 2022, b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) ta' dan ir-regolament, u
- moqri flimkien mar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 ⁽³⁾, li ser jidħol fis-seħħ fis-6 ta' Lulju 2022, b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) u (5) ta' dan ir-regolament,

għandu jiġi interpretat fis-sens li l-manifattur ta' vetturi għandu dejjem jiżgura ruħu, anki meta jimplimenta miżuri ta' sigurtà skont dawn ir-rekwiżiti, li jibqa' possibbli għal persuni li jsewwu u li huma indipendenti li jwettqu [l-konsultazzjoni tal-informazzjoni tas-sistema OBD tal-vetturi kif ukoll id-dijanjustika, it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, inkluż l-operazzjonijiet tal-kitba neċessarji għal dan il-għan, bl-għajnuna ta' għodda ta' dijanjustika universali u ġenerika, mingħajr ma jkun neċessarju li din l-għodda tiġi konnessa permezz tal-internet ma' server indikat mill-manifattur u/jew li l-utent jirreġistra ruħu personalment minn qabel ma' dan il-manifattur, kundizzjonijiet li ma humiex previsti b'mod espliċitu mir-Regolament 2018/858?

⁽¹⁾ ĠU 2018, L 151, p. 1.

⁽²⁾ ĠU 2009, L 200, p. 1; rettifikasi fil-ĠU 2011, L 337, p. 27, fil-ĠU 2015, L 308, p. 11 u fil-ĠU 2021, L 365, p. 47.

⁽³⁾ ĠU 2019, L 325, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 398, p. 29.

Talba għal deċizzjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Ġermanja) fl-10 ta' Mejju 2022 – PM vs Senatsverwaltung für Justiz, Vielfalt und Antidiskriminierung

(Kawża C-304/22)

(2022/C 318/36)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Kammergericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: PM

Konvenut: Senatsverwaltung für Justiz, Vielfalt und Antidiskriminierung

Parti oħra fil-proċedura: CM

Domandi preliminari

Qed isiru d-domandi li ġejjin għall-interpretazzjoni tal-Artikoli 1(1)(a), 2(4), 21(1) u 46 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 ⁽¹⁾:

1. Id-divorzju ddikjarat abbażi tal-Artikoli 82, 87, 89 u 90 tal-Código Civil [(il-Kodiċi Ċivili, Spanja)] jikkostitwixxi deċiżjoni ta' divorzju fis-sens tar-Regolament Brussell IIa?
2. Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda preċedenti: divorzju ddikjarat abbażi tal-Artikoli 82, 87, 89 u 90 tal-Código Civil għandu jiġi ttrattat b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tar-Regolament Brussell IIa rigward l-atti awtentiċi u l-konvenzjonijiet?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243, rettifika fil-ĠU 2013, L 82, p. 63.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia
w Warszawie (il-Polonja) fil-5 ta' Mejju 2022 – ZL, KU, KM vs Provident Polska S.A.**

(Kawża C-321/22)

(2022/C 318/37)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla Warszawy – Śródmieścia w Warszawie

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: ZL, KU, KM.

Konvenut: Provident Polska S.A.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti li tiġi kklassifikata bħala klawżola kuntrattwali inġusta dispożizzjoni li tagħti lill-bejjiegħ jew fornitur miżata jew kummissjoni ta' ammont manifestament ogħla meta mqabbel mas-servizz offrut minnu?
- 2) L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 kif ukoll il-prinċipju ta' effettività, għandhom jiġu interpretat fis-sens li jipprekludu dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jew interpretazzjoni ġudizzjarja ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali li skonthom rekwiżit essenzjali għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' azzjoni tal-konsumatur kontra l-bejjiegħ jew fornitur għall-konstatazzjoni ta' nullità jew ineffettività tal-kuntratt jew tal-partijiet fih li jinkludu klawżoli inġusti huwa l-interess ġuridiku tal-konsumatur?
- 3) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 kif ukoll il-prinċipji ta' effettività, ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu li jiġi kkunsidrat li kuntratt ta' self, li fir-rigward tiegħu għet ikkonstatata n-natura inġusta tal-unika klawżola kuntrattwali li tipprevedi l-mod ta' kif jitħallas lura s-self, ma jistax ikompli jorbot wara li din il-klawżola tkun għet eskluża u li għalhekk huwa null?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla m.st. Warszawy w Warszawie
(il-Polonja) fit-13 ta' Mejju 2022 – Z. sp. z o.o. vs A. S. A.**

(Kawża C-326/22)

(2022/C 318/38)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Qorti tar-rinviju

Sąd Rejonowy dla m.st. Warszawy w Warszawie